**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**MAĠISTRAT**

**DR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Sentenza**

**Seduta tal-Kolliżjonijiet**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maria Stella Attard)**

**v**

**Mario Fenech**

Illum, 21 ta' Ġunju 2017

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Mario Fenech [...] I.D. 259163(M).

Akkużat talli fit-08/12/2015 għall-ħabta ta' 14:55 hrs ġewwa x-Xatt tal-Birgu saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LCO 685;

1. U meta kien involut f'inċident tat-traffiku naqas li jieqaf;
2. Kif ukoll meta kien meħtieġ naqas li jgħati l-partikolarijiet tiegħu u d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub bil-liġi u/jew naqas li jirraporta l-imsemmi inċident lill-Pulizija jew Gwardjan Likali;

3. U aktar b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħilafl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma vettura Nru. FBR 978 u nvolontarjament ikkaġuna ħsarat għad-dannu ta' John Bonnet.

Rat l-artikoli MVR 67(1)(5), L.S. 65.11 u Art. 328 Kap 9;

Min-naħa l-waħda, John Bonett jgħid li waqt li kien faċċata tal-vettura stazzjonarja tiegħu ra lill-persuna (l-imputat) jolqotielu huwa u jmexxi l-mutur b'idejh. Għajjatlu iżda ma waqafx. Il-pulizija sabet barxa fuq il-mudguard fuq in-naħa ta' wara fuq in-naha tal-passiġġier.

Min-naha l-oħra, l-intimat ċahad li laqat il-karozza jew li sejjaħlu John Bonett. Ma marx l-għassa meta mitlub.

Ma ġiet prodotta l-ebda evidenza tal-entita` tal-ħsarat allegatament inflitti.

Il-Qorti giet iffaċċjata b'żewg verzjonijiet dijametrikament opposti, li t-tnejn issibhom ugwalment verosimili. F'każ bħal dan, id-dubbju ma jistax għajr imur favur l-akkużat. Di piu` ma ġiet prodotta l-ebda evidenza tal-entita` tal-ħsarat allegatament inflitti.

Ghaldaqstant il-Qorti ma ssibx lill-imputat ħati u tilliberah minn kull piena u htija.

Maġistrat Dr. Grazzio Mercieca